# Il-Politika

- Il-politika bħala proċess ta' parteċipazzjoni
- Partiti Politiċi
- Gruppi ta' Pressjoni
- Sistema Parlamentari
- Kunsilli Lokali

Il-politika dejjem tittratta dwar **poter** u **awtorità'.** Biex soċjetà' teżisti, irid ikun hemm sistema ta' tmexxija (leadership) fejn ċertu nies ikollhom xi poter fuq l-oħrajn. Il-logħba politika hija logħba għal-poter. Għandha x'taqsam ma' kif il-bnedmin jiddeċiedu li għandhom jorganizzaw is-soċjetà'. Dawn id-deċiżjonijiet jiġu affettwati minn prinċipji politiċi differenti skond il-politika li jkun iħaddan l-mexxej.

Il-politika ta' pajjiż tiddependi fuq it-tip ta' tmexxija li jaddotta mexxej ta' pajjiż. Nistgħu ngħidu li hemm 3 tipi ta' tmexxija u dan ħafna drabi jiddependi fuq il-mod ta' kif jintgħażel il-gvern.

## 1. Demokrazija – (stat demokratiku)

Il-kelma demokrazija ġejja mill-kelmiet griegi "demos" li tfisser nies u "kratos" li tfisser poter. Għalhekk f'demokrazija jingħata l-poter lin-nies.




Fil-prattika dan ifisser li fi stat demokratiku huma n-nies li jagħżlu lil mexxejja tagħhom. Permezz ta' proċess ta' elezzjoni fejn kull adult ikollu vot, grupp ta' persuni jingħata l-jedd li jiggverna għal term ta' żmien partikolari. Teżisti d-**demokrazija diretta** bħal ma kien iseħħ fil-Greċja Antika fejn kull ċittadin ikollu sehem dirett fit-tmexxija ta' pajjiż.

Illum il-ġurnata aktar insibu d-**demokrazija rappreżentattiva**, fejn il-poter jingħata lill- rappreżentanti minn fost il-poplu biex imexxu huma f'isimhom. B'hekk kull ċittadin adult ikun qed jieħu sehem fl-organizzazzjoni u tmexxija tal-pajjiż.

## 2. Dittatorjat (stat dittatorjali/ stat totalitaju / stat awtoritarju) –




Dan huwa stat fejn il-mexxej jieħu l-pajjiż taħt idejh bil-forza. Ħafna drabi dan it-tip ta' mexxej tal-armata jinvadi pajjiż u permezz ta' reġim ta' biża' jieħu l-kmand ta' dak il-pajjiż partikolari. Dan it-tip ta' gvern jmexxi bħala dittatur, fejn il-poter ikun ikkonċentrat f'idejn persuna waħda biss b'kontroll totali fuq il-pajjiż kollu. Huwa stat fejn id-drittijiet umani huma mittiefsa u fejn biża' u oppressjoni jirrenjaw.

## 3. Monarkija – (stat monarkiku)




Dan it-tip ta' stat huwa mmexxi minn membru ta' familja rjali. Il-kap ta' stat ikun ir-re jew ir-reġina u din it-tmexxija tintiret minn ġenerazzjoni għall- oħra.

Llum il-ġurnata l-aktar forma mfittxija ta' tmexxija hi dik **DEMOKRATIKA.** Ir-raġuni hi li f'demokrazija c-ċittadin igawdi minn bosta drittijiet u libertajiet. Il-karatteristiċi ta' demokrazija huma:

**Ugwaljanza** bejn kulħadd irrispettivament mill-età', sess, twemmin, razza jew diżabilità'.

Iċ-ċittadini jgawdu mit-30 **dritt fundamentali**

**Pluraliżmu,** jiġifieri tista' tiġi espressa aktar minn opinjoni waħda. Dan iseħħ permezz ta' stazzjonijiet tal-medja differenti, partiti politiċi differenti, gruppi ta' pressjoni kif ukoll prattikar ta' reliġjonijiet differenti.

**Libertà'** – jeżistu 5 libertajiet fundamentali li huma

libertà' tal-espressjoni

libertà' tal-kelma

libertà' tat-twemmin

libertà' tal-moviment

libertà' tal-assoċjazzjoni.

Kull ċittadin adult għandu d-**dritt tal-vot.**

**Rappreżentazzjoni** taċ-ċittadin f'livelli għoljin ta' tmexxija tal-pajjiż



# Gruppi ta' pressjoni

F' pajjiż demokratiku, li jippermetti l-libertà tal-kelma u l-espressjoni, nsibu gruppi ta' pressjoni.

**Grupp ta' pressjoni huwa grupp fejn il-membri tiegħu jitfgħu pressjoni fuq min hu responsabbli biex jgħinhom jilħqu l-għan tagħhom. L-għan tagħhom hu li jbiddlu jew jinfluwenzaw xi linji ta' politika fi ħdan l-organizzazzjoni fejn qeghdin jaħdmu. Dawn jippruvaw jinfluwenzaw public policy kif ukoll il-leġislazzjoni.**

Il-gruppi ta' pressjoni huma forma effettiva ħafna ta' kif iċ-ċittadini jistgħu jikkontribwixxu għal bidla fis-soċjetà'. Ix-xogħol tagħhom huwa mportanti ħafna f'demokrazija għax jagħti leħen lill-poplu, u joffri alternattivi għall-kwistjoni li tkun qed tiġi diskussa. Dan jista' jseħħ billi dawn il-gruppi:

- jkollhom laqgħat / *meetings* regolari,
- jużaw l-medja biex iwasslu l-messaġġi tagħhom, eż: jużaw l-internet; reklamar fuq TV u radju; jiġu mistiedna fuq programmi ta' TV u radju; billboards; eċċ
- jagħmlu petitions
- jagħmlu dimostrazzjonijiet



Xi eżempji ta' gruppi ta' pressjoni / *pressure groups* huma:

- Nature Trust (Malta)
- Birdlife (Malta)
- Moviment Graffitti
- Amnesty International
- Greenpeace
- +9
- YMCA

## Il-Partiti Politiċi

Partit politiku huwa grupp organizzat ta' nies tal-istess fehma politika li jfittex li jirbaħ il-poter biex imexxi skond il-fehma tiegħu. Dan jirrappreżenta t-twemmin u l-interessi ta' gruppi partikolari fis-soċjetà'. L-partiti għandhom importanza kbira fil-hajja politika. Huma l-partiti li jrawwmu mexxejja ġodda fi ħdanhom, jfasslu programmi politiċi u jmexxu kampanji elettorali. Partit politiku huwa fil-pożizzjoni fejn jista' jikkompeti f'kampanja elettorali, u jekk jirbaħ, jikseb u jifforma l-Gvern tal-pajjiż.

Huwa diffiċli ħafna li kandidati politiċi jirnexxielhom jitilgħu fil-parlament u li jiffurmaw gvern mingħajr l-appoġġ ta' partit politiku. F'pajjiżi totalitarji, partit wieħed

għandu monopolju tal-poter politiku, fil-waqt li f'pajjiżi demokratiċi ikun hemm aktar minn partit wieħed.




## L-Elezzjoni Ġenerali

Skond il-Kostituzzjoni trid tissejjah elezzjoni ġenerali mill-anqas darba kull 5 snin. Meta jasal ż-żmien, l-prim ministru ixolji (jħoll) l-parlament u jsejjaħ elezzjoni. Meta titħabbar id-data tal-elezzjoni, l-partiti politiċi li jkunu ser jikkontestaw jorganizzaw kampanja elettorali, fejn jippruvaw jikkonvinċi bil-mezzi kollha possibbli lill-eletturi biex għażlu lilhom. Il-mass meetings, fuljetti, dibattiti politiċi, karti li jintbagħtu d-dar u żjajjar fid-djar mill-kandidati isiru bl-iskop li jiġbdu n-nies. Il-partiti politiċi joħorġu wkoll manifest elettorali/programm elettorali li fih ifissru x'biħsiebhom jagħmlu dak in-nhar li jitilgħu fil-gvern.

Is-sistema elettorali tagħna hija dik magħrufa bħala 'single transferable vote' fejn votant jivvota l-preferenza tiegħu għall-kandidati. Fuq l-istess vot tista' tivvota anki għal kandidati ta' partiti differenti. Minħabba f'hekk l-għadd tal-voti huwa kkumplikat ħafna u jieħu ħafna ħin, għaliex jekk il-kandidat li ħa n-numru 1 mingħandek ma jitlax, il-vot jiġi trasferit fuq dak li jingħata n-numru 2 sakemm dak il- vot itella' lil xi ħadd.

Skont il-kostituzzjoni, dak il-partit li l-kandidati tiegħu jkollhom l-akbar numru ta' 1's (l-ewwel preferenza) jirbaħ l-elezzjoni. Billi f'Malta ż-żewġ partiti l-kbar ftit li xejn hemm differenza fl-appoġġ li jgawdu, d-differenza tkun ta' ftit eluf. Għalhekk il-kampanja elettorali tkun waħda mqanqla u jsiru sforzi biex kemm jista' jkun kull persuna toħroġ tivvota. Il-partit li jirbaħ l-elezzjoni hu fid-dmir jiggverna l-istat fl-interess tal-poplu kollu mhux fl-interess tal-partitarji tiegħu biss.




Llum il-ġurnata il-Maltin qeghdin **jivvutaw** regolarment f'4 elezzjonijiet differenti:

a. l-**Elezzjoni Ġenerali** li sseħħ kull 5 snin fejn jintgħażel il-gvern ċentrali
b. L-elezzjoni tal-**Kunsilli Lokali** li sseħħ kull 4 snin
c. L-elezzjoni tal-**Membri Parlamentari Ewropej** li sseħħ kull 5 snin fejn jintgħażlu 6 MPE's li jirrappreżentaw lil Malta fil-parlament Ewropew.
d. **Referendum** fejn il-poplu jivvota dwar idea jew kunċett – dan jissejjaħ mill-Gvern preżenti skond l-issues li jinqalghu eż: d-dħul ta' Malta fl-UE / introduzzjoni tal-liġi favur id-divorzju.

# It-tlett fergħat ta' poter

F'Malta għandna **tlett istituzzjonijiet** li għandhom **l-poter** jaraw li:

a. isiru ligijiet ġodda u meta jkun hemm bżonn jinbidlu ligijiet qodma
b. li kulħadd ikun qiegħed jobdi l-ligijiet
c. min ma jobdix l-liġi jiġi mċanfar skond kemm ikun gravi għemilu.

Dawn it-tlett istituzzjonijiet huma:

1. **Leġislattiv** : huwa **l-parlament** fejn isiru u jinbidlu l-ligijiet. Il-membri parlamentari jintgħażlu mill-poplu waqt elezzjoni. Fil-parlament ikun kemm il-MP minn naħa tal-gvern kif ukoll il-MP minn naħa tal-oppożizzjoni. u dawn jiltaqgħu regolarment biex jaħdmu u jiddiskutu fuq ligijiet u kwistjonijiet li jolqtu lill-pajjiż. Lill-membri parlamentari insejħulhom ir- **rappreżentanti tal-poplu** għax huma jkun qed iwasslu l-leħen ta' dawk iċ-ċittadini li vvutawlhom.

2. **Amministrattiv/Eżekuttiv:** tara li l-ligijiet jitwettqu tassew. L-amministrazzjoni titmexxa mill-**Prim Ministru u l-Kabinett** li huwa grupp ta' deputati magħżula minn fost il-membri tal-gvern li jinħatru ministri u segretarji parlamentari. Kull membru tal-Kabinett ikollu taħt idejh ministeru partikolari u xogħolu jkun li jmexxi dak kollu li jaqa' taħt dak il-ministeru.

3. **Ġudikatura**: hija **l-Qorti** li titmexxa mill-Prim Imħallef u tinkludi Mħallfin u maġistrati li jiġġudikaw jekk il-ligijiet hux qed jiġu mħarsa. Għalkemm il-parlament jagħmel l-ligijiet, l-Qorti tara li dawn l-ligijiet jiġu mħarsa. Teżisti qorti ċivili, qorti kummerċjali u qorti kriminali – kollha maħsuba biex iħaddmu l-ġustizzja u jħarsu l-ligijiet.

# Il-Kostituzzjoni ta' Malta

Il-Kostituzzjoni hija l-ogħla liġi tal-istat. Fiha hemm mniżżla 11-il kapitlu li jiddeskrivu kif għandha taħdem is-sistema politika tal-pajjiż, kif ukoll jissemmew d-drittijiet kollha ndividwali, soċjali u politiċi.

Il-Kostituzzjoni ma tistax tinbidel kif ġieb u laħaq. Din mhux bħal ligijiet oħra li jgħaddu b'maġġoranza sempliċi (meta jivvutaw nofs il-membri parlamentari u wieħed 50%+1). Biex isiru bidliet kostituzzjonali jridu jaqblu żewġ terzi (⅔) tal-membri Parlamentari. Għalhekk f'dawk l-okkażjonijiet li nbidlet xi parti mill-Kostituzzjoni kellu jkun hemm qbil bejn il-gvern u l-oppożizzjoni.

# Ir-Rwol tal-President tar-Repubblika

Il-President ta' Malta jiġi maħtur mill-Prim ministru għall-ħames snin u għandu diversi rwoli u funzjonijiet, fosthom li jieħu ħsieb u jipproteġi l-Kostituzzjoni ta' Malta. L-ebda liġi li tgħaddi mill-parlament ma tiġi fis-seħħ jekk din ma tiġix iffirmata mill-President. Barra minn hekk il-President għandu rwoli oħra bħal li jilqa' u jonora dinjitarji barranin u jirrappreżenta lill-pajjiżu barra minn Malta, jieħu ħsieb l-aspett filantropiku permezz tal-Community Chest Fund u f'ċerti każijiet jagħti maħfra presidenzjali.

**Xi dati mportanti fl-istorja politika Maltija:**

1964 - Malta ħadet l-Indipendenza

1974 – Malta saret Repubblika

1978 – Malta ħadet il-Ħelsien mill-bażi Ingliża

2004 – Malta saret membru tal-Unjoni Ewropea

# Il-Kunsilli Lokali

Għal tul ta' żmien il-gżejjer Maltin dejjem ġew amministrati minn gvern wieħed ċentrali. Kull deċiżjoni mportanti kienet tittieħed mill-amministrazzjoni ċentrali u l-lokalità ma' kien ikollha kważi ebda nfluwenza fuq x'jiġi deċiż.

Kien f'Novembru tal-1993 li bdew sensiela ta' elezzjonijiet li kienu ser ibiddlu din ix-xena. Wara sett t'elezzjonijiet mferrxa fuq numru ta' xhur, nibtu l-kunsilli lokali. Il-kunsill lokali huwa magħmul mis-Sindku u l-kunsilliera, li dawn kollha jkunu jgħixu fil-lokal. Il-qatra tagħhom ssir permezz t'elezzjoni fejn iċ-ċittadini tal-lokal jivvutaw kull erba` snin. Inħolqu b'kollox 68 kunsill lokali – 54 f'Malta u 14 f'Għawdex.






Fil- bidu tagħhom l-Kunsilli Lokali kellhom x'jaqsmu

mal-indafa tal-lokalità,

ġbir u garr ta' skart

kif ukoll manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi.

Bil-mod il-mod il-funzjoni tagħhom kompliet tikber u bdew isiru pjanijiet dwar proġetti li għandhom x'jaqsmu

mad-divertiment fil-lokalità',

ċentri sportivi, ismijiet tat-toroq,

manutenzjoni ta' skejjel u

djar tal-anzjani.

Aktar ma jgħaddi z-żmien aktar qed tiżdied ir-responsabiltà' tal-kunsilli lokali,

joħorġu bye-laws,

jieħdu ħsieb l-immaniġġjar tat-traffiku u

joħorġu permessi għal attivitajiet speċjali.



It-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta huwa maħsub sabiex jintlahqu 4 skopijiet ewlenin:

1. **Devoluzzjoni tal-Poter**: dan ifisser li l-poter politiku ma jibqax ikkonċentrat kollu kemm hu fir-rappreżentanti politiċi, eż: jekk hemm bżonn ta' irranġar f'xi bankina eċċ m'hemmx għalfejn li c-ċittadin jirrikorri għand ministeru iżda hemm il-kunsill li jieħu ħsieb dawn l-affarijiet.

2. **Deċentralizzazzjoni:** r-responsabbiltajiet ta' x'hemm bżonn isir fil-pajjiż issa jitqassmu bejn l-amministrazzjoni nazzjonali u dawk lokali. Għalhekk jinbnew relazzjonijiet bejn il-kunsilli lokali u istituzzjonijiet oħra bħal ġbir tal-iskart, l-MEPA, eċċ.

3. **Depolarizzazzjoni**: tonqos il-pika u l-firda politika partiġġjana fuq il-livell tar-raħal jew belt. Il-kunsill lokali jservi biex ma' jkunx hemm ndħil politiku fix-xogħol tal-lokal.

4. **Demokratizzazzjoni**: ċ-ċittadini qed ikollhom sehem ikbar u iktar fid-deċiżjonijiet li jolqtuhom fil-hajja ta' kuljum. C-ċittadini qed jivvutaw kif ukoll għandhom il-possibilità' li jikkontestaw għall-elezzjoni. Il-kunsill lokali jżomm kuntatt mill-qrib ħafna maċ-ċittadini.